



Brussell, 24 ta' Ġunju 2022  
(OR. en)

9876/22

LIMITE

SCH-EVAL 81  
ENFOPOL 320  
COMIX 300

---

---

Fajl Interistituzzjonali:  
2022/0161(NLE)

---

---

**NOTA**

minn:	Grupp ta' Ħidma dwar Materji Relatati ma' Schengen / Kumitat Imħallat (UE-Iżlanda/Norveġja/Żvizzera/Liechtenstein)
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru. dok. preċ.:	9306/22
Suġġett:	Abbozz ta' Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti rakkomandazzjoni biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2021 tal- <b>Belġju</b> dwar l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tal- <b>kooperazzjoni tal-pulizija</b>

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż l-Abbozz ta' Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti Rakkomandazzjoni biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2021 tal-Belġju dwar l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija, maqbul mill-Grupp ta' Ħidma dwar Materji Relatati ma' Schengen fit-23 ta' Ġunju 2022.

Abbozz ta' Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti

## **RAKKOMANDAZZJONI**

**biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2021 tal-Belġju dwar l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1053/2013 tas-7 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ biex jivverifika l-applikazzjoni tal-*acquis* ta' Schengen u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kumitat Eżekuttiv tas-16 ta' Settembru 1998 li stabbilixxiet Kumitat Permanenti għall-evalwazzjoni u l-implimentazzjoni ta' Schengen<sup>1</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 15 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) F'Ġunju 2021 twettqet evalwazzjoni ta' Schengen fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija fir-rigward tal-Belġju. Wara l-evalwazzjoni, permezz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2022)980, ġie adottat rapport li jkopri l-konklużjonijiet u l-valutazzjonijiet, filwaqt li jelenka l-aħjar prattiki u n-nuqqasijiet identifikati matul l-evalwazzjoni.

---

<sup>1</sup> ĠU L 295, 6.11.2013, p. 27.

- (2) F'livell strateġiku, il-Belġju għandu struttura effettiva fis-seħħ biex jipproduċi l-valutazzjoni tat-theddid f'livell nazzjonali. Peress li d-Direttorat għall-Kooperazzjoni Internazzjonali tal-Pulizija jiżgura li l-ħtiġijiet operazzjonali jissarrfu b'mod konsistenti fl-iffissar tal-prijoritajiet internazzjonali, il-Belġju juri impenn kbir fil-proġetti operazzjonali internazzjonali li jipparteċipa fihom. F'livell operazzjonali, il-ftehim BENELUX rivedut bejn il-Belġju (diġà ratifikat), in-Netherlands u l-Lussemburgu huwa l-aktar ftehim estensiv dwar il-kooperazzjoni tal-pulizija fiż-żona Schengen. Dan jippermetti, fost l-oħrajn, l-aċċess reċiproku għall-bażijiet tad-data tal-pulizija ta' xulxin, l-insewiment mingħajr kundizzjonijiet u l-iskjerament ta' unitajiet ta' intervent speċjali fit-territorju ta' xulxin f'każ ta' bżonn. Barra minn hekk, il-Belġju jikkondividi b'mod (pro)attiv l-intelligence operazzjonali tiegħu ma' pajjiżi oħra, filwaqt li jiddefinixxi b'mod ċar liema mezz għandu jintuża.
- (3) Jenħtieġ li jsiru rakkomandazzjonijiet dwar l-azzjonijiet korrettivi li għandhom jittieħdu mill-Belġju sabiex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet identifikati bħala parti mill-evalwazzjoni. Jenħtieġ li tingħata prijorità biex jiġu implimentati r-rakkomandazzjonijiet 3, 4 u 14.
- (4) Din id-Deċiżjoni jenħtieġ li tintbagħat lill-Parlament Ewropew u lill-Parlamenti nazzjonali tal-Istati Membri. Fi żmien sitt xhur mill-adozzjoni tagħha, jenħtieġ li l-Belġju, skont l-Artikolu 16(8) tar-Regolament (UE) Nru 1053/2013, jipprovdi lill-Kummissjoni bil-valutazzjoni tiegħu dwar l-implimentazzjoni possibbli tar-rakkomandazzjonijiet għal titjib b'deskrizzjoni tal-azzjonijiet meħtieġa.

#### JIRRAKKOMANDA:

li l-Belġju jenħtieġ li

#### **Punt Uniku ta' Kuntatt**

1. jipprovdi liċ-Ċentri ta' Kooperazzjoni tal-Pulizija u tad-Dwana tiegħu bl-għodod analitiċi u t-taħriġ li jeħtieġu biex ikunu jistgħu jwettqu l-missjoni ewlenija tagħhom ta' analiżi transfruntiera;

2. jestendi l-użu tal-Applikazzjoni ta' Network għall-Iskambju Sikur ta' Informazzjoni tal-Europol għaċ-Ċentru ta' Kooperazzjoni tal-Pulizija u tad-Dwana fil-Lussemburgu, filwaqt li jieħu vantaġġ mill-kapaċità sħiħa ta' din l-għodda;

### **Sistemi ta' ġestjoni tal-każijiet**

3. jistabbilixxi, kif diġà ppjanat, sistema unika ta' ġestjoni tal-każijiet għall-Punt Uniku ta' Kuntatt (il-Front Office, il-Back Office u ċ-Ċentri ta' Kooperazzjoni tal-Pulizija u tad-Dwana bl-awtomatizzazzjoni tal-ipproċessar tal-informazzjoni u magna tal-workflow, inklużi l-kanali kollha ta' skambju internazzjonali ta' informazzjoni (Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen, Interpol, Applikazzjoni ta' Network għall-Iskambju Sikur ta' Informazzjoni tal-Europol);

### **Ġestjoni tal-informazzjoni u bażijiet tad-data internazzjonali**

4. itejjeb l-applikazzjoni nazzjonali tat-tfittxija sabiex iwettaq tfittxijiet uniċi għall-oġġetti, filwaqt li jiżgura wkoll li l-verifiki fis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) u fil-bażijiet tad-data tal-Interpol ikunu obligatorji;
5. jestendi l-aċċess għas-Sistema ta' Informazzjoni tal-Europol permezz ta' "ANG – Consultation", u jwettaq taħriġ lill-utenti finali f'dan ir-rigward;
6. jiżviluppa soluzzjoni teknika sabiex jipprovdi uffiċjali tal-infurzar tal-liġi b'aċċess kompjuterizzat għar-reġistri tal-lukandi, jekk ikun hemm bżonn;
7. iqajjem kuxjenza fost l-uffiċjali tal-pulizija dwar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/633/ĠAI;
8. jagħti lill-awtoritajiet doganali tiegħu aċċess dirett għas-Sistema ta' Informazzjoni tal-Europol u għall-bażijiet ta' data tal-Interpol;
9. jipprovdi lill-pulizija b'aċċess għall-bażijiet tad-data doganali fuq bażi ta' hit/no hit;

## **Kooperazzjoni operazzjonali transfruntiera**

10. jinkludi mekkaniżmu ta' rieżami formali fil-ftehimiet bilaterali kollha skont l-Artikolu 39(5) tal-Konvenzjoni li Timplimenta l-Ftehim ta' Schengen bil-għan li tizzied l-effettività operattiva tagħhom;
11. jistabbilixxi sistema ta' reġistrazzjoni għall-operazzjonijiet transfruntiera tal-pulizija msemmija fl-Artikoli 40 u 41 tal-Konvenzjoni li Timplimenta l-Ftehim ta' Schengen li tippermetti l-kompilazzjoni ta' statistika nazzjonali affidabbli għal dawg l-operazzjonijiet;

## **Etika tal-forzi tal-pulizija**

12. jipromwovi leġiżlazzjoni għall-protezzjoni tal-informaturi;
13. jipprovdi lill-uffiċjal tal-protezzjoni tad-data tal-Pulizija Federali, responsabbli għall-iskambju ta' informazzjoni, bis-softwer xieraq u faċli għall-utent biex jiġu analizzati l-log fajls;

## **Riżorsi umani u taħriġ**

14. jipprovdi taħriġ kontinwu obligatorju aktar fil-fond għall-persunal rilevanti kollu tal-pulizija dwar l-użu ta' bażijiet ta' data internazzjonali tal-pulizija u għodod ta' kooperazzjoni (inkluż l-Artikolu 40 tal-Konvenzjoni li Timplimenta l-Ftehim ta' Schengen, id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2006/960/ĠAI u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/633/ĠAI), adattat għad-deskrizzjonijiet tal-kompiti differenti kif ukoll korsijiet tal-lingwa, filwaqt li jagħti prijorità lill-membri tal-persunal tal-Punt Uniku ta' Kuntatt b'mod partikolari biex iżidu l-għarfien tagħhom tal-Ingliż;

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*

*Il-President*